Minuti tal-Laqgħa Nru. 56 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 24 ta' Novembru 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Joseph Scicluna<br>Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Assenti | Dr. Frank Psaila |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kumitat Amministrattiv
5. Mozzjonijiet
6. Xogħolijiet ta tisbiħ fil-Housing Estate u Daycentre
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Piscopo qal li huwa fil-laqgħa preċedenti kien semma li m' hemmx għalfejn jerġgħu jintwerew il-kontijiet fuq is-schedule of payments peress li dawn kienu diġa murija qabel.

2.2 Is-Segretarju ippreżenta email lil Kunsilliera fejn kien hemm ukoll il-ħin meta ntbagħtet l-email bil-program lil-Kunsilliera. Huwa wera din l-email lil Kunsillier Camilleri u spjega li ma kienx minnu li ntqal li l-email intbgħatet f' ħin tard ħafna. Barra min hekk is-Segretarju qal ukoll li kien hemm drabi oħra fejn il-Kunsilliera kienu avżati bl-attivita. Is-Segretarju qal ukoll li huwa ma jaċċettax li jingħata kolpa meta huwa kien għamel l-affarijiet kif suppost.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana qal li huwa jixtieq li tinġieb il-perita fuq il-post fejn saru x-xogħolijiet għax jixtieq li jispjegala xi affarijiet. Is-Sindku qal li l-Perita ma tkunx disponibli u qal lis-Segretarju biex filkaz meta jkun se jkollha xi laqgħa mal-Kunsill fuq ix-xogħol jisejjaħ il-Kunsillier Caruana la jixtieq jkellimha.

**Il-Kunsillier Piscopo informa lil Kunsill li huwa kien se jkollu bżonn jitlaq mill-laqgħa fil-5.50 p.m.**

3.2 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex l-Authorised Officer jkun imsejjaħ ġewwa l-lokalita biex jibgħat lil wardens sabiex huma jaraw jekk ikunx hemm xi cranes jew scaffolding mingħajr il-permess tal-Kunsill.

3.3 Il-Viċi Sindku qal biex tinstab ġurnata flimkien biex ikun hemm get together jew ikla fl-okkażżjoni tal-Milied. Il-Kunsilliera preżenti qablu fuq din il-proposta.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li peress li wasal żmien il-Milied u jkun hemm diversi presepji għal wiri huwa qal li nistgħu nagħmlu avviż li jinqara waqt il-quddiesa biex kull min ikun interessat jagħti d-dettalji tiegħu lil Kunsill.

3.5 Il-Viċi Sindku ssuġġerrixxa li tista' ssir xi ħaġa għal dawk li se jkunu qed jagħmlu l-ewwel darba il-presepju tagħhom biex ikunu konoxuti għax xogħol tagħhom. Huwa qal li dawk li għamlu l-presepju tagħhom l-ewwel darba jkunu tfal li javviċinaw lil Kunsill u jingħataw xi ħaġa żgħira tax-xogħol li jkunu għamlu. Huwa ssuġġerrixxa biex issir lista ġewwa Ħal Luqa tal-presepji li hawn għal wiri u jingħataw ċertifikat aparti dawk li jkunu qed jagħmlu l-presepju tagħhom l-ewwel darba.

## 4.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV

4.1 Is-Segretarju semma li l-ġimgħa d-dieħla se jinbeda x-xogħol fuq rampa ġewwa Ħal Farruġ biex ikun hemm aċċessibilta fejn hemm bħalissa l-Housing Estate. Is-Sindku semma li kif ikun lest dan il-proġett jkun jista jiġi nstallat id-dawl.

## 5.0 MOZZJONIJIET

5.1 Kien hemm mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Massa u ssekondata mill-Viċi Sindku biex issir ħarġa fis-7 ta' Diċembru għal Palazz ta Sant' Anton u wara jkun hemm bibita. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-mozzjoni.

5.2 Kien hemm mozzjoni oħra mressqa mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku li kienet tgħid biex isir id-dawl dekorattiv tal-Milied. Kien hemm approvazzjoni fuq din il-mozzjoni min naħa tal-Kunsilliera preżenti.

## 6.0 XOGĦOLIJIET TA' TISBIĦ FIL-HOUSING ESTATE U DAYCENTRE

6.1 Is-Sindku semma li dwar ix-xogħolijiet tal-Housing Authority bħalissa għaddej ix-xogħol fi triq Giovanni Bonavia fil-Housing Estate.

6.2 Is-Sindku semma li rigward Triq Anton Falzon se jkun hemm water culvert li l-ilma minnu se jimxi għal taħt Valletta Road u joħroġ fil-wied ta faċċata. Il-Kunsillier Caruana semma li tkun idea tajba jekk inkellmu lil Awtoritajiet konċernati biex isir tunnel li minnu jgħaddi l-ilma tax-xita mingħajr ma jagħmel ħsara lil wied. Is-Sindku ssuġġerrixxa biex għaLhekk tinkiteb ittra.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Waqt il-pagamenti s-Segretarju ressaq kont maħdum mill-perita fuq ix-xogħolijiet tat-toroq biex jibda jispjega fuq kif se jsir il-pagament lil Polidano. Waqt li kien qed jitkellem is-Segretarju, il-Kunsillier Caruana qal li għandna nikkonsultaw mad-Dipartiment qabel ma nħallsu l-kuntrattur, għax huwa diġa mar ikellem lid-Dipartiment. Is-Sindku rrisponda li m' hemmx il-ħtieġa li ninfurmaw lid-Dipartiment għax il-Kunsill huwa awtonomu, iżda min naħa l-oħra għamilha li l-kuntrattur mhux se jitħallas qabel ma jkollu ċ-ċertifikazzjoni min naħa tal-Perit tal-Kunsill.

7.3 Favur il-pagamenti kien hemm qbil anonimu min naħa tal-Kunsilliera preżenti.

## 6 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa giet fi tmiemha L-Ħamis 24 ta' Novembru 2011, fis-6.50 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa tax-xahar ta wara.

Konfermati llum ______________________ 2011.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |